MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 228/2018/1 LM

**Nicolette Mahoney (K.I. numru 594763M), f'isimha proprju u f'isem Ryan Mahoney (K.I. numru 327093M) u Kurt Mahoney (K.I. numru 203991M) fil-kapaċità tagħhom ta' eredi tal-mejjed Kevin Mahoney li kien jeżerċita l-professjoni ta' accountant permezz ta' Mahoney & Co**

***(l-appellanti)***

***vs.***

**Health Plaza Limited (C38074)**

***(l-appellata)***

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-atturi, hawnhekk "l-appellanti", **Nicolette Mahoney** (K.I. Numru 594763M), f'isimha proprju u f'isem **Ryan**

**Mahoney** (K.I. Numru 327093M) u **Kurt Mahoney** (K.I. Numru 203991M) fil-kapaċità tagħhom ta' eredi tal-mejjet Kevin Mahoney li kien jeżerċita l-professjoni ta' *accountant* permezz ta' Mahoney & Co., mis-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019 (minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata") mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi:

> *"... jilqa' t-talbiet tal-attriċi noe limitatament fis-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u ħamsin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32) u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi noe s-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u ħamsin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32) bl-imgħaxijiet kummerċjali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> *Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjetà konvenuta."*

## Fatti

2. L-attriċi proprio et nomine istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, li permezz tagħhom talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta, hawnhekk "l-appellata", **Health Plaza Limited** għall-ħlas tal-ammont ta' elfejn u tmienja u disgħin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,098.32) bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv, liema ħlas qiegħed jintalab għal servizzi professjonali pprestati mid-ditta Mahoney & Co. lis-soċjetà konvenuta.

## <u>Mertu</u>

3. Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi proprio et nomine qiegħda titlob mingħand is-soċjetà konvenuta ħlas fl-ammont ta' elfejn u tmienja u disgħin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,098.32) flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv, għal servizzi professjonali ta' *accounting* mogħtija mid-ditta Mahoney & Co. lis-soċjetà konvenuta. L-attriċi spjegat li hija l-armla ta' Kevin Mahoney, li kien jiġġestixxi d-ditta Mahoney & Co., u li fost il-klijenti tagħha kellha lis-soċjetà konvenuta. Ġie spjegat ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, is-soċjetà konvenuta baqgħet inadempjenti, u l-bilanċ dovut minnha baqa' ma tħallasx. L-attriċi ppreżentat *statement* li juri liema huma s-snin fejn is-soċjetà konvenuta naqset milli tħallas dak dovut minnha wara s-servizzi li rċeviet mingħand Mahoney & Co.

4. Is-soċjetà konvenuta wieġbet li l-ħlas mitlub mill-atturi mhux dovut għaliex ix-xogħol ma sarx skont kif titlob il-professjoni, u għaliex Mahoney & Co. kienet negliġenti fix-xogħol tagħha. Is-soċjetà konvenuta qalet li hija weħlet multi għaliex kien hemm *statements* finanzjarji li ġew sottomessi tard lill-awtoritajiet fiskali minn Mahoney & Co. Intqal ukoll li s-soċjetà attriċi ġieli ħarġet *invoices* doppji fuq kumpanniji differenti li huma lkoll mmexxija mill-istess diretturi tas-soċjetà konvenuta.

5. Il-partijiet ippreżentaw diversi *affidavits* quddiem it-Tribunal, sabiex jispjegaw x'kien li wassal għal dawn il-proċeduri. L-attriċi Nicolette Mahoney,

spjegat kif żewġha kien marad b'marda terminali u fl-aħħar xhur ta' ħajtu kien beda jittrasferixxi l-klijentela li kellha Mahoney & Co lil ditta oħra ta' awdituri sabiex ix-xogħol jitkompla minnhom, u minkejja li l-esponenti tas-soċjetà konvenuta ġew mgħarrfa b'dan, dawn ma qablux li x-xogħol tal-*accounting* tagħhom jibda jsir minn ditta oħra ta' *accountants*, u insistew li x-xogħol jitlesta minn Mahoney & Co. L-attriċi Nicolette Mahoney spjegat kif minkejja li kien hemm impjegati oħra ta' Mahoney & Co li komplew jaħdmu fuq l-*accounts* tas-soċjetà konvenuta, inqalgħu għadd ta' problemi, fosthom problemi ta' saħħa li ffaċċjaw dawn l-impjegati, u minħabba f'hekk kien hemm dewmien f'xi xogħol. Hija qalet ukoll li nqalgħu diversi kwistjonijiet ma' esponenti tas-soċjetà konvenuta, partikolarment għaliex dawn kienu jonqsu milli jgħaddu l-informazzjoni meħtieġa fil-ħin, kif ukoll għax dawn kienu jdumu ma jħallsu dak dovut minnhom għas-servizzi li kienu jingħataw. L-attriċi spjegat ukoll li anki wara l-mewt ta' żewġha Kevin Mahoney, hija kienet baqgħet tinsisti ma' esponenti tas-soċjetà konvenuta sabiex dawn iħallsu dak dovut minnhom, u kien hemm drabi fejn hija infurmathom li jekk huma ma kinux ser iħallsu dak dovut minnhom, hija ma kinitx ser tkun f'qagħda li tibqa' taħdem l-*accounts* tas-soċjetà konvenuta. L-attriċi qalet ukoll li minkejja li kien hemm dan id-dewmien fil-ħlas tal-kontijiet, l-esponenti tas-soċjetà konvenuta qatt ma kkontestaw il-kontijiet mibgħuta lilhom, jew ilmentaw li x-xogħol ma sarx bi professjonalità, u l-bord tad-diretturi tas-soċjetà konvenuta dejjem approva u ffirma l-*accounts* qabel dawn ġew sottomessi lill-MFSA u lid-Dipartiment tat-Taxxi.

6. B'riferiment għall-multi li s-soċjetà konvenuta allegat li kellha tħallas minħabba li l-*audited financial statements* tagħha ġew sottomessi tard, xehed David Pace, li kien inkarigat mill-attriċi sabiex jagħmel xogħol ta' awditjar tas-soċjetà konvenuta, li spjega x'kienu r-raġunijiet għalfejn kien hemm parti mill-*audited financial statements* li ġew ippreżentati tard. Ix-xhud spjega li huwa kien informa lil Keith Scerri, wieħed mill-esponenti tas-soċjetà konvenuta, li f'każ li s-soċjetà konvenuta kienet ser teħel xi multi jew penali oħra minħabba li xi *statements* finanzjarji ġew ippreżentati tard, huwa kien ser jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-awtoritajiet tat-taxxi sabiex dawn il-penali possibbilment dawn jinħafru jew jiġu mnaqqsa. Ix-xhud spjega li huwa ma kienx ġie infurmat minn esponenti tas-soċjetà konvenuta li din weħlet xi penali u għalhekk ma setax jitervjeni biex possibbilment dawn il-multi jiġu mnaqqsa jew saħansitra jinħafru.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Ġunju, 2019, it-Tribunal laqa' t-talbiet attriċi limitatament fis-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32), u ordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi dan l-ammont, bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż a karigu tas-soċjetà konvenuta, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Essenzjalment, il-kwistjoni involuta f'din il-kawża hi jekk għandhiex raġun is-soċjetà konvenuta biex tirreżisti talba għall-ħlasijiet professjonali pretiżi mill-attriċi pro et noe minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservazzjoni tal-etika professjonali tiegħu.*

*Jibda biex jiġi osservat illi r-rapport professjonali jippostula l-konferiment ta' inkarigu relattiv. Dan ir-rapport huwa inerenti għall-istitut tal-mandat (Kollez. Vol. XLI P.I p. 572). Li jfisser li l-inkarigu konferit lill-professjonista jimplika fil-mandatarju l-poter li jagħmel dak kollu li hu meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-inkarigu li jkun irċieva (ara Kollez. Vol. XXIX P. II p. 968); inoltre kulħadd iwieġeb għall-ħsara kkaġunata ħtija tiegħu (Art. 1031 Kap. 16). Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Art. 1032 (1) tal-Kap. 16).*

*F'kawżi għar-riżarċiment tad-danni jinkombi fuq min jallega din il-ħsara l-oneru li jressaq provi attendibbli sal-grad rikjest bil-liġi li din il-ħsara ġiet ikkaġunata b'fatt jew ommissjoni ħtija tal-parti l-oħra. Irid jiġu ppruvat b'mod sodisfaċenti li l-professjonista mhux biss ħa żball, ammenoke' dan ma jkunx grossolan, imma ma użax id-diliġenza li trid il-Liġi – (ara '**Victor Savona pro et noe vs Dr Peter Asphar et**' – A.Ċ. deċ. 2 ta' April 1951") – ċioe d-diliġenza tal-bonus paterfamilias.*

*Applikati dawn il-prinċipji jiġi osservat li mill-assjem tal-provi ma jirriżultax li x-xogħol effettwat mid-ditta attriċi fil-preparazzjoni tal-audited accounts ma sarx b'mod professjonali iżda li dawk tas-sena finanzjarja li għalqet fit-30 ta' April, 2014 biss saru tardivament u li skont l-attriċi noe dan ġara minħabba li Kevin Mahoney marad b'marda terminali li wasslet għall-mewt tiegħu.*

*Ikkonsidra li ma hemm ebda kontestazzjoni dwar l-ammonti mitluba mill-attriċi noe da parti tas-soċjetà konvenuta; ikkonsidra li s-soċjetà konvenuta kellha tħallas multi u additional tax fl-ammont komplessiv ta' seba' mija u erbgħa u tletin euro u ħamsin ċenteżmu (€734.50) iżda minn fol. 53 jirriżulta li s-somma ta' mija u erbgħa u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€194.50) tirrigwarda arretrati rigwardanti A236645 u mhux rigwardanti C38074 li huwa n-number tas-soċjetà konvenuta u għalhekk ma taħti xejn tagħhom l-attriċi pro et noe.*

*Illi għalhekk hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li tali multi u additional tax limitatament fl-ammont ta' ħames mija u erbgħin euro (€540) biss li m'għandhiex tbatihom is-soċjetà konvenuta. Veru li attriċi noe tikkontendi li David Pace kien qal li s-soċjetà*

*konvenuta li huwa kien ser jirranġa mal-MFSA biex jinħafrulhom il-multi; kif inhuwa veru li David Pace a fol. 22 fl-affidavit tiegħu jgħid li huwa kiteb lir-Reġistratur tal-Kumpanniji u lil tat-Taxxa jitlob li jinħafru l-multi u t-taxxa addizjonali iżda mill-pagamenti li saru jirriżulta li tali talba ma ġietx milqugħa.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet tal-attriċi noe limitatament fis-somma ta' elf ħames mija u tmienja u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32) u jordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi noe s-somma ta' elf ħames mija u tmienja u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32) bl-imgħaxijiet kummerċjali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjetà konvenuta."*

## L-Appell

8. L-atturi, hawnhekk l-appellanti, ippreżentaw l-appell tagħhom fil-11 ta' Lulju, 2019, fejn talbu lill-Qorti sabiex,

*"... tvarja s-sentenza billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-Onorabbli Tribunal laqa' t-talbiet tal-atturi, jirrevokaha f'dik il-parti fejn illimitat is-somma għal elf, ħames mija u tmienja u ħamsin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€1,558.32), jilqa' t-talbiet tal-atturi għall-ħlas tas-somma ta' elfejn, u tmienja u disgħin euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,098.32) flimkien mal-imgħaxijiet filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess soċjetà appellata."*

9. L-appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal minħabba li skont huma din hija żbaljata għaliex t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi. L-attriċi proprio et nomine tispjega li meta t-Tribunal ikkonkluda li mill-ammont dovut lill-atturi għandhom jitnaqqsu l-multi

u l-penali li ħallset is-soċjetà konvenuta minħabba li l-*audited financial statements* ġew ippreżentati tard, it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-fatti u tal-provi li kellu quddiemu.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

10. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà konvenuta, hawnhekk "l-appellata", wieġbet li l-Qorti fi grad ta' appell m'għandhiex tiddisturba l-provi ppreżentati quddiem it-Tribunal, u d-deċiżjoni mogħtija għandha tiġi kkonfermata peress li ma fiha l-ebda żball. Is-soċjetà appellata ħadet il-pożizzjoni li ladarba l-atturi kienu jafu li ser jinqabeż is-*submission deadline,* l-awtoritajiet tat-taxxa kellhom jiġu infurmati qabel saru s-sottomissjonijiet, sabiex it-tnaqqis fil-multi jiġi miftiehem minn qabel.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mill-appellanti fid-dawl tar-risposta tas-soċjetà appellata, u dan anki wara li qieset id-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal.

*L-aggravju:* *it-Tribunal għamel apprezzament żbaljat tal-provi meta ddeċieda li kellhom jitnaqqsu l-penali li weħlet is-soċjetà konvenuta mill-ammont li din għandha tħallas lill-atturi,*

*partikolarment għax it-Tribunal stabbilixxa li d-dewmien biex saru s-sottomissjonijiet kien dovut għall-marda li ħakmet lil Kevin Mahoney*

Il-Qorti kkonsidrat fost il-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, kien hemm kopja ta' ittra li David Pace bagħat lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, lill-Malta Financial Services Authority u lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni[1], fejn talab tnaqqis fil-multi li setgħu jkunu pagabbli in vista tas-sottomissjoni tardiva tal-*istatements* tas-soċjetà konvenuta, fiċ-ċirkostanzi umanitarji partikolari tal-każ. L-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq il-fatt li huma jgħidu li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li r-raġuni ewlenija għad-dewmien biex ġew sottomessi l-*istatements* finanzjarji kienet il-marda ta' Kevin Mahoney, u li l-atturi min-naħa tagħhom ressqu provi sabiex juru li s-soċjetà konvenuta kienet iddum biex tgħaddi l-informazzjoni rilevanti sabiex ikun jista' jsir ix-xogħol tal-awditjar mitlub minnha. Barra minn hekk David Pace kien ta struzzjonijiet lis-soċjetà konvenuta sabiex hekk kif din tirċievi l-avviż tal-penali minħabba d-dewmien, tinfurmah b'dan minnufih ħalli huwa jkun jista' jintervjeni mal-awtoritajiet tat-taxxa in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Jirriżulta mill-provi li s-soċjetà konvenuta, minflok ma kkuntattjat lil David Pace u nnotifikatu b'dawn il-penali, għażlet li ma tinfurmahx b'dan, u minflok ħallset il-penali mitluba minnha.

[1] Datata 02.06.2016, *a fol.* 44 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

Il-Qorti kkunsidrat il-provi mressqa quddiem it-Tribunal, minn fejn jirriżulta li meta Kevin Mahoney sab ruħu f'diffikultajiet biex jibqa' jagħti s-servizzi tiegħu bħala *accountant,* kien ipprova jittrasferixxi l-klijentela li kellu lil diversi *accounting firms* oħra, imma l-esponenti tas-soċjetà konvenuta kienu insistew li kellhom jibqgħu jingħataw is-servizz minn Mahoney & Co. Kien għalhekk li l-attriċi kienet ingaġġat għadd ta' impjegati sabiex ikomplu x-xogħol ta' awditjar li kien inbeda, iżda jirriżulta li anki dawn l-impjegati kellhom id-diffikultajiet tagħhom u għalhekk ix-xogħol kien waqa' lura. Mill-provi ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta ressqet xi ilment jew b'xi mod ikkritikat is-servizz li kienet qiegħda tingħata minn Mahoney & Co, għalkemm jirriżulta li tul is-snin kien hemm diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet peress li s-soċjetà konvenuta kienet tkun tardiva fil-ħlasijiet dovuta għas-servizzi li kienet tirċievi minn Mahoney & Co. Il-Qorti tirrileva li anki l-impjegati ta' Mahoney & Co. kienu ben konsapevoli tal-fatt li kien ser ikun hemm xi penali imposti minħabba li l-*istatements* finanzjarji ġew ippreżentati tard, imma minkejja li David Pace, impjegat ta' Mahoney & Co kien ta struzzjonijiet lis-soċjetà konvenuta dwar x'kellu jsir hekk kif din tiġi notifikata b'dawn il-penali, l-esponenti tas-soċjetà konvenuta għażlu li jinjorawh u baqgħu ma tawhx struzzjonijiet sabiex ikun jista' jikkontesta il-penali. Il-Qorti tqis li f'dawn iċ-ċirkostanzi, kien hemm element ta' *self-inflicted hardship* min-naħa tas-soċjetà konvenuta, u għalhekk m'għandux ikun hemm tnaqqis ta' dawn il-penali mill-ħlasijiet dovuta lill-attriċi proprio et nomine għas-servizzi pprestati minn Mahoney & Co., li mill-provi jirriżulta li ġew mogħtija b'mod professjonali. B'riferiment għad-deċiżjoni tat-

Tribunal fejn iddikjarat li Mahoney & Co. naqset milli tuża l-prudenza u d-diliġenza ta' *bonus paterfamilias,* din il-Qorti mhijiex tal-istess fehma, għaliex jirriżulta bl-aktar mod ampju li minkejja ċ-ċirkostanzi diffiċli ferm li sabet ruħha fihom Mahoney Co., Kevin Mahoney, l-attriċi Nicolette Mahoney u l-impjegati tagħhom, għamlu dak kollu li setgħu sabiex jaqdu l-inkarigu fdat lilhom, u David Pace saħansitra kien tahom parir dwar x'kellhom jagħmlu f'każ li jiġu avżati li kellhom iħallsu xi multa. Għal xi raġuni però l-esponenti tas-soċjetà konvenuta dehrilhom li kellhom jinjoraw l-parir li kienu ngħataw, u minflok ħadu d-deċiżjoni li jħallsu l-multa li ġew notifikati biha. Il-Qorti hija tal-fehma li m'għandhomx ikunu l-appellanti li jħallsu l-prezz ta' din id-deċiżjoni tas-soċjetà appellata, u għalhekk qiegħda tiddeċiedi li għax-xogħol professjonali pprestat minn Mahoney & Co lis-soċjetà konvenuta, l-atturi għandhom jitħallsu l-ammont sħiħ ta' elfejn, tmienja u disgħin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,098.32), flimkien mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellanti proprio et nomine, u filwaqt li tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal f'dik il-parti fejn intlaqgħu t-talbiet tal-atturi appellanti, qiegħda tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-ħlas dovut mis-soċjetà appellata lill-atturi ġie limitat għas-somma ta' elf, ħames mija u tmienja u ħamsin Euro u tnejn u**

**tletin ċenteżmu (€1,558.32), u minflok qiegħda taqta' u tiddeċiedi li s-soċjetà appellata għandha tħallas is-somma ta' elfejn, u tmienja u disgħin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,098.32) lill-atturi flimkien mal-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**